MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 1/1996/3

### Konkors tal-kredituri ta' Paul Cutajar

Dan il-provvediment huwa fuq rikors magħmul minn *Bank of Valletta Limited* (illum *Bank of Valletta p.l.c.*) biex jinfetaħ il-konkors tal-kredituri ta' Paul Cutajar fuq is-somma ta' tmint elef u sebgħa u tletin lira (Lm8,037) iddepożitata minn Romeo u Maria Anna miżżewġin Camilleri b'ċedola numru 73/1995 bħala l-prezz ta' l-appartament numru 18/4, *Lelikoi Flats*, Triq Paceville, Paceville, limiti ta' San Ġiljan li kien tad-debitur Paul Cutajar iżda li nbigħ *sub hasta* fuq talba tal-kredituri tiegħu u li nxtara mill-imsemmija Romeo u Maria Anna Camilleri, u fuq is-somma ta' sitt elef u wieħed u ħamsin lira (Lm6,051) iddepożitata minn Joseph u Maria Assunta miżżewġin Mifsud b'ċedola numru 72/1995 bħala l-prezz ta' l-appartament numru 5, Triq Buġibba, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, li kien tad-debitur Paul Cutajar iżda li nbigħ *sub hasta* fuq talba tal-kredituri tiegħu u li nxtara mill-imsemmija Joseph u Maria Assunta Mifsud.
Fuq il-flus depożitati ikkonkorrew tliet kredituri:

- is-soċjetà *Bank of Valletta p.l.c.* dwar kreditu ta' ħamsin elf, mija u wieħed u erbgħin lira u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm50,141.99), barra mgħaxijiet, kanonizzat b'sentenza tat-28 t'April 1992 fl-ismijiet Joseph Zammit *nomine versus* Paul Cutajar;
- is-soċjetà *HSBC Bank Malta p.l.c.* (bħala suċċessur ta' *Mid-Med Bank Limited*) dwar kreditu ta' disgħa u għoxrin elf, seba' mija u tlieta u sebgħin lira u sebgħa u sittin ċenteżmu (Lm29,773.67) u kreditu ieħor ta' tlieta u tletin elf, mija u ħmistax-il lira u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm33,115.49), barra mgħaxijiet u spejjeż, it-tnejn kanonizzati b'sentenza mogħtija fl-24 t'Ottubru 1994 fl-ismijiet Prokuratur Legali Adrian Borg *nomine versus* Paul Cutajar *proprio et nomine*; u
- is-soċjetà *Alfred Hili and Company Limited* ukoll talbet illi tikkonkorri, iżda dokumenti esebiti mill-istess soċjetà[1] juru illi l-kreditu vantat minnha huwa kontra terzi, u mhux kontra Paul Cutajar.

Għalhekk il-krediti li jeħtieġ li jiġu gradwati bejniethom huma dawk ta' *Bank of Valletta p.l.c.* u ta' *HSBC Bank Malta p.l.c.*

Il-kreditu ta' *Bank of Valletta p.l.c.* huwa mħares sa erbat elef lira (Lm4,000) b'ipoteka ġenerali numru I 5518/1982 ta' l-14 ta' Mejju 1982, u sa sitta u għoxrin elf lira (Lm26,000) oħra b'ipoteka ġenerali numru I 10096/1988 tat-23 ta' Ġunju 1988.

Il-kreditu ta' *HSBC Bank Malta p.l.c.* huwa mħares b'żewġ ipoteki ġenerali, sa tlittax-il elf lira (Lm13,000) kull waħda, it-tnejn tal-25 t'Ottubru 1991, u b'żewġ ipoteki speċjali ta' l-istess data fuq iż-żewġ appartamenti li fuq il-prezz tal-bejgħ tagħhom qiegħed isir il-konkors.

L-art. 2092 tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi l-krediti ipotekarji jitħallsu skond l-ordni ta' l-iskrizzjoni, u għalhekk il-kreditu ta' *Bank of Valletta p.l.c.* għandu jitħallas l-ewwel, billi l-ipoteki relativi ġew iskritti qabel.

Fiċ-ċedoli ta' depożitu d-depożitanti Camilleri u Mifsud għamlu l-kondizzjoni illi s-somma depożitata tingħata lil min għandu jedd għaliha "wara li l-iżbankant joffri l-garanzija ipotekarja ta' ħwejġu kollha preżenti u futuri u dana sabiex tagħmel tajjeb għall-eventwali ri-depożitu

[1] *Foll.* 80 *et seqq*

f'każ ta' evizzjoni jew molestja rigward il-paċifiku pussess tal-fond lilhom liberat".

Il-garanzija tal-pussess paċifiku tal-ħaġa mibjugħa tingħata lix-xerrej mill-bejjigħ, mhux mill-kreditur li jkun talab li l-ħaġa tinbigħ *sub hasta*. Għalhekk il-garanzija ma għandhiex tingħata mill-kreditur li għandu jedd għall-flus, u l-kondizzjoni magħmula fiċ-ċedola għandha titqies bħallikieku ma saritx.

Il-qorti għalhekk wara li tgħid illi l-kreditu ta' *Bank of Valletta p.l.c.* jiggradwa qabel kull kreditu ieħor, u billi l-kreditu pregradwat huwa aktar mis-somom depożitati, tagħti lil *Bank of Valletta p.l.c.* is-setgħa li tiġbed il-flus depożitati biċ-ċedoli numru 72 u 73 ta' l-1995.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------